MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 473/1995/1

**Maria Gauci kif ukoll Joseph u Maria Stella konjuġi Gauci**

***versus***

**Martin Xuereb**

Din il-kawża hija dwar tħassir ta’ għerusija.

Fiċ-ċitazzjoni l-atturi jgħidu illi l-attriċi Maria Gauci u l-konvenut kienu għarajjes, sakemm, xi erba’ xhur qabel it-tieġ, l-attur, mingħajr ebda raġuni, ħassar l-għerusija. Minħabba f’hekk, l-attriċi Maria Gauci ġarrbet danni minħabba fil-ħlasijiet li kienet għamlet bil-ħsieb taż-żwieġ. L-atturi l-oħra, Joseph u Maria Stella Gauci, kienu għal sena ipprovdew ikel għall-konvenut, regolarment kull filgħaxija u ġieli filgħodu wkoll. Barra min hekk, Joseph Gauci, bil-ħsieb taż-żwieġ li wara ma seħħx, kien għamel garanzija ta’ tlittax-il elf lira (Lm13,000) biex il-konvenut seta’ jieħu self biex ikun jista’ jixtri dar li kienet maħsuba li tkun id-dar matrimonjali.

L-atturi għalhekk qegħdin jitolbu illi din il-qorti:

1. tgħid illi l-għerusija tħassret għal raġunijiet li għalihom jaħti l-konvenut;

2. tillikwida d-danni li ġarrbet l-attriċi Maria Gauci;
3. tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi Maria Gauci d-danni hekk likwidati;
4. tgħid illi l-atturi Joseph u Maria Stella Gauci ġarrbu danni bi ħtija tal-għemil tal-konvenut;
5. tillikwida d-danni li ġarrbu Joseph u Maria Stella Gauci;
6. tikkundanna lill-konvenut iħallas lil Joseph u Maria Stella Gauci d-danni hekk likwidati; u
7. tikkundanna lill-konvenut sabiex, fi żmien qasir u perentorju, jagħmel dak li hu meħtieġ biex Joseph Gauci ma jibqax garanti kif ingħad, taħt is-sanzjoni tad-disprezz tal-qorti.

Qegħdin jitolbu wkoll l-ispejjeż, fosthom dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-6 ta' Settembru 1994.

Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. l-għerusija tħassret għal raġunijiet tajba u minħabba l-imġieba negativa tal-konvenuta; u
2. il-proprjetà li l-konvenut kiseb bi flusu tinsab fuq isem l-attriċi Maria Gauci, għax dak iż-żmien l-eċċipjent kien ċittadin ingliż u kien iżjed faċli illi l-proprjetà tinkiseb fuq isem Maria Gauci; hu qatt ma oppona għat-tneħħija tal-garanzija.

B'dikriet ta' l-4 ta' Ottubru 1995 il-qorti ħatret perit legali. Wara li żamm ħames seduti li fihom xehdu l-attriċi Maria Gauci, l-attur Joseph Gauci, il-konvenut u xhud ieħor, u seduta oħra li fiha niżżel verbal, il-perit ħalef ir-rapport tiegħu fis-17 ta' Frar 2004.

Il-fatti ta' din il-kawża ġraw hekk:

L-attriċi Maria Gauci kienet għarusa mal-konvenut; l-atturi l-oħra Joseph u Maria Stella Gauci huma l-ġenituri tagħha. L-għerusija kienet saret bi tberik taċ-ċrieket, wara li l-għarajjes kienu għamlu kors ta' *Kana*, u damu għarajjes erba' snin. Bil-ħsieb li jkollhom fejn joqogħdu meta jiżżewġu, kienu xtraw dar fuq isem Maria, għax il-konvenut ma kienx ċittadin malti, għalkemm il-flus kien ħariġhom il-konvenut billi ssellef mill-bank. Għalkemm is-self sar fuq isem il-konvenut, l-attur Joseph Gauci kien għamel tajjeb b'rahan. Maria iżda kienet ħarġet flus biex xtrat kamra tal-banju, biex għamlet depożitu fuq kamra tas-sodda u spejjeż oħra għaċ-ċerimonja tat-tieġ. Barra minn hekk, billi l-ġenituri tal-konvenut kienu joqogħdu l-

Ingilterra, kien spiss jiekol għand l-atturi li kienu wkoll jeħdulu ħsieb il-ħasil ta' ħwejjeġ ta' lbies.

Il-konvenut xehed illi, sakemm kien għadu għarus, kull meta kien joħroġ mal-għarusa dejjem kien iħallas hu, sew għal divertiment u ikliet, u sew għax-xiri tal-*petrol* billi hu kellu karrozza u l-attriċi ma kellhiex. Ċaħad li kien jiekol daqshekk spiss għand l-atturi, jew li kienu jaħslulu l-ħwejjeġ ta' lbies.

Il-konvenut xehed ukoll illi spiss kien jiġġieled ma' Maria u jagħmlu xi ġimgħa ma jarawx lil xulxin. Fil-fehma tiegħu r-raġuni ewlenija kienet l-imġieba lejh ta' ommha, l-attriċi Maria Stella Gauci. Ma' Maria, il-bint, kien ikollu argumenti dwar jekk kellhomx iġibu tfal mill-ewwel fiż-żwieġ, dwar kif kellhom jixtru d-dar matrimonjali, u dwar min kellhom jistiednu għat-tieġ.

Sewwa qal il-perit legali illi l-għerusija hija maħsuba biex koppja jsiru jafu aktar lil xulxin u jersqu aktar lejn xulxin; hija żmien ta' prova biex il-partijiet isiru jafu jekk jaqblux ma' u għal xulxin. Bniedem issir tafu aktar ma tagħmilha miegħu, u kwalitajiet li forsi għall-ewwel tarahom ta' importanza żgħira jew li forsi tħosshom jiġbduk ukoll jistgħu maż-żmien jibdew idejquk, u tagħraf illi l-parti l-oħra ma hijiex is-sieħeb jew sieħba li għall-ewwel ħsibt li setgħet tkun. Jekk parti tintebah illi hi u l-parti l-oħra ma humiex magħmulin għal xulxin, ikun pass għaqli u mhux abbuż illi tħassar l-għerusija. Naturalment, dik il-parti jkollha d-dmir lejn il-parti l-oħra illi, hekk kif tintebah illi ma tistax tkompli magħha, tgħarrafha b'dan minnufih, u mhux tħalliha fil-għama u, bil-ħsieb illi ż-żwieġ sejjer iseħħ, tħalliha tagħmel spejjeż żejda. Fi kliem il-perit legali, "fattur importanti hu kemm kienu laħqu mxew 'il quddiem it-tħejjijiet għaż-żwieġ, [u] kemm dak li jkun idum jaħsibha (jew jittituba) qabel iħassar".

Ir-raġuni mogħtija mill-konvenut għala ħassar l-għerusija wara li kienet saret parti sew mit-tħejjijiet għat-tieġ, kienet din: "Meta jasal it-tieġ tibda taħseb, u tara l-problemi kollha li kelna. Allura ma ridtx inkompli".

Il-qorti taqbel mal-perit legali meta dan qal illi, għalkemm għamel sew il-konvenut li ħassar l-għerusija ladarba ra li ma kienx jaqbel mal-għarusa, madankollu, għamel ħażin li beda jaħseb fuq dawn l-affarijiet meta wasal it-tieġ, u wara li kien ħalla lill-attriċi tagħmel l-ispejjeż kollha. Ma kinitx xi

ġrajja mhix mistennija li wasslitu biex iħassar, iżda l-analiżi li għamel dwar dak kollu li għadda bejniethom waqt l-għerusija. Dik l-analiżi ħallieha għall-aħħar wisq, u għalhekk għandu jwieġeb għad-danni li ġarrbu l-atturi minħabba d-dewmien tiegħu.

Il-qorti għalhekk taqbel mal-konklużjoni tal-perit legali illi l-konvenut għandu jwieġeb għad-danni li ġarrbu l-atturi minħabba t-tħassir tal-għerusija.

Dwar likwidazzjoni ta' danni l-attur Joseph Gauci xehed illi l-ispejjeż li għamlet bintu kien ħariġhomlha hu. Għalhekk il-qorti taqbel mal-perit legali illi d-danni għandhom jiġu likwidati favur l-atturi *in solidum* bla ma jingħażlu dawk tal-bint u dawk tal-ġenituri, u mbagħad jaraw bejniethom.

Il-perit legali sab illi l-ispejjeż fid-dar u fit-tħejjijiet għat-tieġ kienu ta' elf u ħamsa u sittin lira (Lm1,065). Fost dawn hemm għaxar liri (Lm10) depożitu fuq kiri ta' ħwejjeġ ta' lbies ta' l-irġiel illi l-attriċi xehdet illi kienet ħadithom lura, u għalhekk mis-somma likwidata għandhom jitnaqqsu għaxar liri biex jifdal elf u ħamsa u ħamsin lira (Lm1,055).

Hemm ukoll ħames mija u ħamsin lira (Lm550) spejjeż fuq id-dar matrimonjali li hija fuq isem l-attriċi Maria. Jekk l-atturi jieħdu dawn il-flus lura jkunu stagħnew bla mistħoqq bit-telf tal-konvenut.

Bejn il-partijiet iżda saret kawża oħra dwar talba mill-konvenut tallum biex il-qorti tgħid illi d-dar matrimonjali hija proprjetà tiegħu. Il-qorti ma kinitx mgħarrfa jekk din il-kawża nqatgħetx u, jekk inqatgħet, kif. Jekk id-dar hija tassew tal-konvenut, mela għandu jħallas għall-ispejjeż li l-atturi għamlu fiha, u f'dak il-każ id-danni jkunu elf u ħamsa u ħamsin lira (Lm1,055); jekk, min-naħa l-oħra, id-dar hija ta' l-attriċi, mela d-danni jonqsu b'ħames mija u ħamsin lira (Lm550) u jsiru ħames mija u ħames liri (Lm505).

Bħala kumpens għall-ikel u ħasil, il-perit legali illikwida *arbitrio boni viri* s-somma ta' mitejn u ħamsin lira (Lm250), u din ma ġietx kontestata mill-partijiet. Id-danni b'kollox għalhekk huma ta' elf, tliet mija u ħames liri (Lm1,305) jekk jinstab illi d-dar hija tal-konvenut u seba' mija u ħamsa u ħamsin lira (Lm755) jekk jinstab illi d-dar hija ta' l-attriċi.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi, wara li tgħid illi l-konvenut għandu jagħmel tajjeb għad-danni li

ġarrbu l-atturi minħabba t-tħassir tal-għerusija, tillikwida d-danni fis-somma ta’ elf, tliet mija u ħames liri (Lm1,305) jekk jinstab illi d-dar mixtrija waqt l-għerusija fuq isem l-attriċi hija tal-konvenut u seba’ mija u ħamsa u ħamsin lira (Lm755) jekk jinstab illi d-dar hija ta’ l-attriċi.
Tikkundanna lill-konvenut iħallas ukoll l-ispejjeż ġudizzjarji.
Dwar is-seba’ talba ma hux meħtieġ provvediment billi l-garanzija mogħtija mill-attur tħassret waqt li kienet miexja l-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------